

**DIRETTIVA 2009/79/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL****tat-13 ta' Lulju 2009****dwar imqabad tal-idejn għall-passiġġieri għal vetturi bil-mutur b'żewġ roti****(Verżjoni kodifikata)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL tal-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (<sup>1</sup>),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat (<sup>2</sup>),

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/32/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993, fuq imqabad tal-idejn għall-passiġġieri fuq vetturi bil-mutur b'żewġ roti (<sup>3</sup>) ġiet emendata b'mod sostanzjali (<sup>4</sup>). Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kkodifikata.
- (2) Id-Direttiva 93/32/KEE hija waħda mid-Direttivi separati li għandhom x'jaqsmu mas-sistema tal-approvazzjoni tat-tip KE prevista mid-Direttiva 92/61/KEE dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta, kif sostitwita permezz tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/24/KE tat-18 ta' Marzu 2002 li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta (<sup>5</sup>) u tistabbi-líxxi preskrizzjonijiet tekniċi dwar id-disinn u l-kos-truzzjoni ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti fir-rigward tal-istands tagħhom. Dawn il-preskrizzjonijiet tekniċi jikkonċernaw l-approvvissi mazzjoni tal-liggijet tal-Istati Membri sabiex jippermettu li l-applikazzjoni tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip KE prevista mid-Direttiva 2002/24/KE, fir-rigward ta' kull tip ta' vettura. Għalhekk, id-dispożiżżjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2002/24/KE dwar is-sistemi tal-vetturi, il-komponenti u l-elementi tekniċi separati jaapplikaw għal din id-Direttiva.
- (3) Peress illi l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-għoti ta' approvazzjoni tat-tip KE ta' komponent fir-rigward ta' mqabād tal-idejn għall-passiġġieri għal tip ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċċenti mill-Istati Membri, u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effett tal-miżura, jinkiseb aħjar fuq livell Komunitarju,

il-Komunità tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjet, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit fdak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex ikun jista' jinkiseb dan l-għan.

- (4) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligli tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Anness II, Parti B għat-trasposizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi,

**ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:**

#### **Artikolu 1**

Din id-Direttiva għandha tapplika għal imqabad tal-idejn għall-passiġġieri ta' kull tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti kif imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/24/KE.

#### **Artikolu 2**

Il-proċedura għall-ġhoti ta' approvazzjoni tat-tip KE tal-komponent fir-rigward ta' mqabād tal-idejn għall-passiġġieri għal tip ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti u l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-moviment ħieles ta' tali vetturi għandhom ikunu kif stabbiliti fil-Kapitoli II u III tad-Direttiva 2002/24/KE.

#### **Artikolu 3**

L-emendi neċċessarji sabiex ir-rekwiżiți tal-Anness I jiġu adattati għall-progress tekniku għandhom ikunu adottati skont il-proċedura msemmjija fl-Artikolu 18(2) tad-Direttiva 2002/24/KE.

#### **Artikolu 4**

1. L-Istati Membri m'għandhomx, għal raġunijiet relatati ma' mqabād tal-idejn għall-passiġġieri:

- jirrifjutaw, fir-rigward ta' tip ta' vettura b'żewġ roti jew tip ta' mqabād tal-idejn għall-passiġġieri, milli jaġħtu approvazzjoni tat-tip KE tal-komponent,
- jipprobixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' mqabād tal-idejn għall-passiġġieri,

jekk l-imqabad tal-idejn għall-passiġġieri jkunu konformi mar-rekwiżiți ta' din id-Direttiva.

(<sup>1</sup>) ĠU C 234, 30.9.2003, p. 19.

(<sup>2</sup>) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Settembru 2007 (ĠU C 219E, 28.8.2008, p. 65) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2009.

(<sup>3</sup>) ĠU L 188, 29.7.1993, p. 28.

(<sup>4</sup>) Ara l-Anness I, Parti A.

(<sup>5</sup>) ĠU L 124, 9.5.2002, p. 1.

2. L-Istati Membri għandhom jirrifutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip KE tal-komponent għal kwalunkwe tip ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti jew ta' kwalunkwe tip ta' mqabab tal-idejn għall-passiġġeri, jekk ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva ma jiġux sodisfatti.

3. L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-kamp kopert minn din id-Direttiva.

#### *Artikolu 5*

Id-Direttiva 93/32/KEE, kif emendata mid-Direttiva elenkata fl-Anness II, Parti A, hija b'dan imħassra, bla ħsara għall-obbligli tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-trasposizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness II, Parti B.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinfieħmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

#### *Artikolu 6*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Din għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2010.

#### *Artikolu 7*

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulu fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2009.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

H.-G. PÖTTERING

Għall-Kunsill

Il-President

E. ERLANDSSON

**ANNESS I****1. REKWIŻITI ĠENERALI**

Fejn issir dispożizzjoni għall-ġarr ta' passiġġier, il-vettura għandha jkollha sistema ta' maqbad għall-idejn tal-passiġġier. Din għandha tieħu l-forma ta' cīngi jew maqbad tal-idejn jew imqabad tal-idejn.

**1.1. Iċ-ċinga**

Iċ-ċinga għandha titwaħħal mal-magħqad jew ma' partijiet oħra mqabba mal-istruttura b'tali mod li tkun tista' tintuża faċiilment mill-passiġġier. Iċ-ċinga u kif tkun imwaħħla jridu jkunu ddisinjati b'tali mod li jkunu jifilħu, mingħajr ma jitqaċċtu, forza ta' ġbid vertikali ta' 2 000 N applikata statikament fiċ-ċentru tal-wiċċ taċ-ċinga bi pressjoni massima ta' 2 MPa.

**1.2. Maqbad tal-idejn**

Jekk jintuża maqbad tal-idejn għandu jkun qrib il-magħqad u simetriku għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

Il-maqbad tal-idejn għandu jkun disinjat b'mod li jkun jiflaħ, mingħajr ma jinqata', forza vertikali ta' ġbid ta' 2 000 N applikata statikament fiċ-ċentru tal-wiċċ tal-maqbad tal-idejn bi pressjoni massima ta' 2 MPa.

Jekk żewġ imqabad tal-idejn ikunu użati, huma jridu jitwaħħlu wieħed kull naħħa b'mod simmetriku

Dawn l-imqabad tal-idejn iridu jkunu ddisinjati b'mod li jkunu jifilħu, mingħajr ma jinqatgħu, forza vertikali ta' ġbid ta' 1 000 N, applikata waqt li (l-vettura) tkun wieqfa fiċ-ċentru tal-wiċċ tal-maqbad tal-idejn bi pressjoni massima ta' 1 MPa.

*L-Appendiċi 1*

**Dokument ta' informazzjoni dwar imqabad tal-idejn għall-passiġġieri għal tip ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti (biex titwahha mal-applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip KE tal-komponent jekk din tintbagħha separatament mill-applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip KE ta' vettura)**

Nru tal-ordni (mogħti mill-applikant): .....

L-applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip KE tal-komponent dwar imqabad tal-idejn għall-passiġġieri fuq vettura bil-mutur b'żewġ roti jrid ikun fiha l-informazzjoni mniżżla taħt il-punti li ġejjin fl-Anness II tad-Direttiva 2002/24/KE:

— Il-Parti 1, Taqsima A, punti:

- 0.1,
- 0.2,
- 0.4 sa 0.6;

— Il-Parti 1, Taqsima A, punti:

- minn 1.4 sa 1.4.2.
-

## Appendix II

Isem tal-Amministrazzjoni
---------------------------

**Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip KE tal-komponent fir-rigward ta' apparati ta' sigurtà għall-passiġġeri għal tip ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti**

MUDELL

Rapport Nru ..... Skond is-servizz tekniku ..... data .....

Numru tal-approvazzjoni tat-tip KE tal-komponent: ..... Numru tal-estensjoni: .....

1. Trade mark jew isem tal-vettura: .....
2. Tip ta' vettura: .....
3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: .....  
.....
4. L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk applikabbli): .....  
.....
5. Id-data meta l-vettura ddahħħlet għat-test: .....
6. Approvazzjoni tat-tip KE tal-komponent mogħtija/rifjutata (l)  
7. Post: .....
8. Data: .....
9. Firma: .....

---

(l) Ħassar skont kif addattat.

## ANNESS II

## PARTI A

**Direttiva mħassra flimkien mal-emendament tagħha**

(imsemmi fl-Artikolu 5)

Direttiva tal-Kunsill 93/32/KEE (ĠU L 188, 29.7.1993, p. 28)

Direttiva tal-Kummissjoni 1999/24/KE (ĠU L 104, 21.4.1999, p. 16)

## PARTI B

**Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni**

(imsemmi fl-Artikolu 5)

Direttiva	Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni	Data ta' applikazzjoni
93/32/KEE	L-14 ta' Diċembru 1994	L-14 ta' Ġunju 1995 (*)
1999/24/KE	Il-31 ta' Diċembru 1999	L-1 ta' Jannar 2000 (**)

(\*) Konformement mat-tielet sub-paragrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/32/KEE:

"Mid-data msemmija fl-ewwel sub-paragrafu l-Istati Membri ma jistgħux, għal raġunijiet marbuta mal-imqabda tal-idejn għall-passiġġieri, jipprobixxu d-dħul inizjali fis-servizz ta' vetturi li huma konformi ma' din id-Direttiva."

Id-data msemmija hija l-14 ta' Diċembru 1994; ara l-ewwel subparagraphu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/32/KEE.

(\*\*) Konformément mal-Artikolu 2 tad-Direttiva 1999/24/KE:

"1. B'effett mill-1 ta' Jannar 2000, l-Istati Membri m'għandhomx, għal raġunijiet relatati ma' mqabda tal-idejn għall-passiġġieri:

- jirrifjutaw, fir-rigward ta' tip ta' vettura b'żewġ roti jew ta' tip ta' maqbad tal-idejn għall-passiġġieri, li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip KE,

- jipprobixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' mqabda tal-idejn għall-passiġġieri,

jekk l-imqabda tal-idejn għall-passiġġieri jkunu konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 93/32/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva.

2. B'effett mill-1 ta' Lulju 2000 l-Istati Membri għandhom jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip KE għal kull tip ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti għal raġunijiet relatati mal-imqabda tal-idejn għall-passiġġieri jew kull tip ta' mqabda tal-idejn għall-passiġġieri, jekk ir-rekwiżiti tad-Direttiva 93/32/KEE, kif emendata minn din id-Direttiva, ma jkunux sodisfatti."

## ANNESS III

**Tabella ta' korrelazzjoni**

Direttiva 93/32/KEE	Direttiva 1999/24/KE	Din id-Direttiva
Artikoli 1, 2 u 3		Artikoli 1, 2 u 3
Artikolu 4(1)	Artikolu 2(1)	—
	Artikolu 2(2)	Artikolu 4(1) Artikolu 4(2)
Artikolu 4(2)		Artikolu 4(3)
—		Artikolu 5
—		Artikolu 6
Artikolu 5		Artikolu 7
Anness		Anness I
Appendiċi 1		Appendiċi 1
Appendiċi 2		Appendiċi 2
—		Anness II
—		Anness III